



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.5.2022  
COM(2022) 248 final

2022/0170 (BUD)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni  
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Greċja – EGF/2021/008 EL/Attica  
electrical equipment manufacturing**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **KUNTEST TAL-PROPOSTA**

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament dwar il-FEG).
2. Fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Greċja ppreżentat applikazzjoni EGF/2021/008 EL/Attica electrical equipment manufacturing għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensi fis-settur ekonomiku kklassifikati taħt id-diviżjoni 27 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' tagħmir elettriku) fir-reġjun NUTS 2 ta' Attica (EL30) fil-Greċja.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

### **SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI**

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2021/008 EL/Attica electrical equipment manufacturing
Stat Membru	Il-Greċja
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS <sup>2</sup> 2)	Attica (EL30)
Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	21 ta' Diċembru 2021
Data tal-konferma ta' meta ġiet irċevuta l-applikazzjoni	21 ta' Diċembru 2021
Irċevuta t-traduzzjoni	11 ta' Frar 2022
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	24 ta' Frar 2022
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	17 ta' Marzu 2022
Skadenza għat-testija tal-valutazzjoni	7 ta' Ġunju 2022
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati	6
Settur(i) tal-attività ekonomika (Id-diviżjoni NACE Reviżjoni 2) <sup>3</sup>	Diviżjoni 27 (“Manifattura ta' tagħmir elettriku”)

<sup>1</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

Perjodu ta' referenza (sitt xhur):	1 ta' April 2021 – 1 ta' Ottubru 2021
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	206
Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	0
Għadd totali ta' sensji (a + b)	206
Għadd totali ta' beneficiarji eliġibbli	206
Għadd totali ta' beneficiarji fil-mira	206
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	1 689 800
Baġit għall-implementazzjoni tal-FEG <sup>4</sup> (EUR)	70 000
Baġit totali (EUR)	1 759 800
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	1 495 830

## VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

### Proċedura

4. Fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Greċja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2021/008 EL/Attica electrical equipment manufacturing fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati 1-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fl-istess data u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand il-Greċja fl-24 ta' Frar 2022. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum tax-xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum tax-xogħol minn meta tkun ġiet irċevuta l-applikazzjoni kompluta, u li fihom il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fis-7 ta' Ġunju 2022.

### Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

#### Intrapriżi u beneficiarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tirrigwarda 206 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 27 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' tagħmir elettriku). Is-sensji ngħataw fir-reġjun NUTS 2 ta' Attica (EL30). Is-sensji kollettivi jikkonċernaw total ta' sitt intrapriżi.

Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza		
BSH OIKIAKES SYSKEVES ANON. VIOM. ETAIRIA [BSH-Pitsos]	166	SELLER HELLAS AVEE
NEXANS HELLAS MONOPROSOPI AVE	6	KAMPOURAKIS GEORGIOS - G.E.M.A.
SAMMLER V. MICHALOPOULOS AEVE	7	MAVILEK AVEE
<b>Għadd totali ta' intrapriżi:</b>	<b>6</b>	<b>Għadd totali ta' sensji:</b>
<b>Għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività</b>		<b>206</b>
		<b>0</b>

<sup>3</sup> ġu L 393, 30.12.2006, p. 1.

<sup>4</sup> F'konformità mal-ħames paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691.

## Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza

### tagħhom waqfet:

**Għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli u ta' persuni li jaħdmu għal rashom:**

**206**

#### Kriterji ta' intervent

6. Il-Greċja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attivitajiet ta' mill-anqas 200 ġħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Kien hemm 206 ġħaddiem issensjat fir-reġjun NUTS 2 ta' Attica (EL30).
7. Il-perjodu ta' referenza ta' sitt xhur għall-applikazzjoni huwa mill-1 ta' April 2021 sal-1 ta' Ottubru 2021.

#### Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien mill-attivitajiet

8. Il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat kif ġej:
  - 186 mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur tas-sensja tal-ħaddiem jew tat-tmiem tal-kuntratt jew relazzjoni tax-xogħol tal-ħaddiem, u
  - 20 mid-data ta' meta jintemm *de facto* jew tal-iskadenza tal-kuntratt jew relazzjoni tax-xogħol.

#### Benefiċjarji eliġibbli

9. L-ġħadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 206.

#### Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attivitajiet

10. L-avveniment primarju li wassal għal dawn is-sensji huwa l-ġħeluq tal-impjant tal-produzzjoni ta' Pitsos<sup>5</sup> f'Attica, filwaqt li nżamm id-dipartiment tad-ditta, tal-bejgħ u tas-servizzi fil-Greċja.
11. Kombinazzjoni ta' fatturi, inkluż in-nuqqas ta' awtomatizzazzjoni u manifattura avvanzata, kostijiet għoljin tal-produzzjoni tal-apparat domestiku elettriku u n-nuqqas fil-provvista domestika tal-komponenti elettriċi rriżultaw f'telf fil-kompetittività tal-fabbrika ta' Pitsos. Sabiex jitnaqqusu l-kostijiet tal-manifattura u biex tiġi ottimizzata l-faċilità tal-produzzjoni, l-impjant kien jeħtieġ investimenti kapitali sostanzjali. Madankollu, dawn l-investimenti ma ġewx appoġġati mill-maniġment ta' BSH-Pitsos<sup>6</sup>, u eventwalment ġie deċiż li l-produzzjoni tiġi rilokata fit-Turkija, fejn il-kostijiet tal-produzzjoni huma aktar baxxi<sup>7</sup>.
12. Barra minn hekk, kriżi socioekonomika fit-tul (2008-2016) fil-Greċja kellha impatt sinifikanti fuq in-nefqa tal-konsumaturi, li min-naħħa tagħha naqqset id-domanda domestika għal apparat domestiku ġdid. Bejn l-2008 u l-2016, l-infiq fuq l-apparat

<sup>5</sup> Pitsos huwa manifattur Grieg tal-apparat domestiku <https://www.pitsos.gr>

<sup>6</sup> Pitsos hija kumpanija proprietà ta' BSH Hausgeräte GmbH (Bosch-Siemens Hausgeräte), manifattur ġermaniż tal-apparat domestiku <https://www.bsh-group.com>

<sup>7</sup> <https://www.liberal.gr/economy/pitsos-parateinetai-eos-to-2021-i-leitourgia-tis-monadas-stou-renti/214847>

domestiku fil-Greċja naqas b'35 %, minn madwar EUR 824 miljun fl-2008 għal madwar EUR 536 miljun fl-2016<sup>8</sup>. Anke jekk in-nefqa fuq l-apparat domestiku rkuprat b'9,5 % mill-2017 sal-2019, din reġgħet ġiet affettwata mill-pandemija tal-Covid-19 u naqset b'50 % fl-2020 meta mqabbla mal-2019<sup>9</sup>.

13. It-tħabbira li kienu se jitwaqqfu l-operazzjonijiet tal-fabbrika ta' Pitsos saret f'Settembru 2017<sup>10</sup>. Madankollu, intlaħaq ftehim temporanju biex il-produzzjoni tiġi estiża sal-bidu tal-2021, sabiex jittaffew il-konsegwenzi negattivi tal-għeluq tal-impjant. Il-proċess tal-għeluq tal-operazzjonijiet u s-sensja tal-ħaddiema kienu skedati li jitlestew sal-31 ta' Marzu 2021<sup>11</sup>. Madankollu, l-azzjonijiet damu aktar minn kemm kien ippjanat, u għaldaqstant il-maġġoranza tas-sensji seħħew bejn April u Settembru 2021.
14. Fir-rigward tas-sensji fil-ħames intrapriżi l-oħra<sup>12</sup>, il-Greċja targumenta li l-industrija tal-manifattura tat-tagħmir elettriku qed tiffaċċja sfidi, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' trasformazzjoni diġitali u awtomatizzazzjoni, kif ukoll il-ħiliet insuffiċjenti tal-forza tax-xogħol biex tadatta għall-ekonomija diġitali li qed tinbidel malajr.
15. Il-ħiliet diġitali bażiċi tal-popolazzjoni Griega għadhom sottożviluppati u għadhom lura mill-medja tal-UE, li jimplika riskju għoli ta' distakk teknoloġiku u illitteriżmu diġitali<sup>13</sup>. Skont l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) tal-2021 tal-Kummissjoni Ewropea, il-Greċja tinsab fit-22 post minn 27 Stat Membru tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali f'attivitajiet kummerċjali, u 23 % biss tal-individwi għandhom ħiliet diġitali ogħla minn dawk bażiċi, meta mqabbla ma' medja tal-UE ta' 31 %<sup>14</sup>.

*Impatt mistenni tal-ġħoti tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, regionali jew nazzjonali u l-impjiegi*

16. Għalkemm ir-rata tal-qgħad fil-Greċja ilha tonqos gradwalment mill-2013, meta laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 27,5 %<sup>15</sup>, fl-2021 baqgħet waħda mill-ogħla fl-UE bi 15,3 %<sup>16</sup>.
17. Ir-reġjun ta' Attica huwa l-akbar wieħed fil-Greċja f'termini ta' popolazzjoni, b'madwar 3,7 miljun abitant, li jiġġenera kważi nofs (47 %) il-PDG nazzjonali totali. Ir-reġjun ta' Attica għandu wkoll l-ogħla għadd ta' persuni qiegħda bi 342 744 persuna f'Diċembru 2021, li jirrappreżentaw 31 % tal-persuni qiegħda rreġistrati fil-pajjiż<sup>17</sup>. L-għadd ta' ħaddiema qiegħda rreġistrati f'Attika żdied bi 3,8 % minn 334 658 f'Diċembru 2019<sup>18</sup> għal 347 427 f'Diċembru 2021<sup>19</sup>. Barra minn hekk,

<sup>8</sup> <https://www.statista.com/statistics/581413/house-hold-appliance-expenditure-greece/>

<sup>9</sup> <https://imegsevee.gr/wp-content/uploads/2021/01/etisia-ereuna-eisodimatos-2020.pdf>

<sup>10</sup> <https://greekreporter.com/2017/10/19/one-of-greeces-oldest-plants-is-shutting-down/>

<sup>11</sup> <https://www.capital.gr/epixeirseis/3528092/bsh-kleinei-to-ergastasio-tis-pitsos-31-3-oi-diapragmateuseis-me-mpakatselo-kai-ergazomenous>

<sup>12</sup> L-intrapriżi elenkat fil-paragrafu 5, li kollha joperaw fis-settur tal-manifattura tat-tagħmir elettriku.

<sup>13</sup> <https://www.cedefop.europa.eu/files/greece - european inventory on nqf 2020.pdf>

<sup>14</sup> L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) tal-2021 <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/countries-digitisation-performance>

<sup>15</sup> Il-Eurostat <https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tps00203/default/table?lang=en>

<sup>16</sup> Previżjoni Ekonomika Ewropea. Harfa 2021 [https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-performance-and-forecasts/economic-forecasts/autumn-2021-economic-forecast-recovery-expansion-amid-headwinds\\_en#documents](https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-performance-and-forecasts/economic-forecasts/autumn-2021-economic-forecast-recovery-expansion-amid-headwinds_en#documents)

<sup>17</sup> <https://www.oaed.gr/storage/statistika-stoikheia/synoptikh-ekthesh-dekembrios-2021.pdf>

<sup>18</sup> <https://www.oaed.gr/storage/statistika-stoikheia/eksamhnia-ekthesh-b-eksamhno-2020.pdf>

<sup>19</sup> <https://www.oaed.gr/storage/statistika-stoikheia/synoptikh-ekthesh-dekembrios-2021.pdf>

kważi kwart (24,1 %) tal-popolazzjoni ta' Attica jinsabu f'riskju ta' faqar u ta' eskużjoni soċjali<sup>20</sup>. Is-sensji fis-settur tal-manifattura tat-tagħmir elettriku fir-reġjun ta' Attica se jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni tal-qgħad, kif ukoll l-espansjoni tal-faqar fir-reġjun.

18. L-awtoritajiet Griegi jargumentaw li l-ħaddiema ssensjati se jiffaċċjaw diffikultajiet ta' impieg mill-ġdid peress li l-biċċa l-kbira tagħhom (81 %) kellhom edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas<sup>21</sup>. Il-miżuri offruti se jżidu l-possibbiltajiet tagħhom li jsibu impieg fis-suq tax-xogħol miftuħ, jew jappoġġaw lil dawk li jixtiequ jibdew in-negozju tagħhom stess.

#### **Applikazzjoni tal-Qafas tal-UE ta' Kwalità għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar (QFR)**

19. Il-Greċja ddeskriviet kif tqiesu r-rakkmandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni ta' bidla u ta' ristrutturar. L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li ġew segwiti azzjonijiet biex jiġu antiċipati u ġestiti aħjar il-proċessi ta' ristrutturar u ttieħdu miżuri.
20. Mat-tħabbira f'Settembru 2017 li kien se jiġi tterminat id-dipartiment tal-produzzjoni ta' Pitsos<sup>22</sup>, il-maniġment u r-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-kumpanija kellhom konsultazzjonijiet estensivi biex jesploraw l-għażiex kollha possibbli qabel ma jikkunsidraw is-sensji. Sabiex jittaffew l-effetti tal-għeluq tal-impjant, b'mod partikolari fuq l-impiegati, ġie miftiehem li l-operazzjonijiet tal-produzzjoni jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2020. Fl-istess ħin, il-proċess tal-waqfien tal-operazzjonijiet u s-sensja tal-personal kien ippjanat sal-31 ta' Marzu 2021<sup>23</sup>.
21. Il-partijiet negozjanti qablu wkoll li tiġi stabbilita skema ta' sensji volontarji, li kienet tinkludi pakkett ta' kumpens, kontribuzzjonijiet tal-pensjoni u benefiċċi finanzjarji addizzjonali bħal vawċers għal apparat domestiku mill-kumpanija. Din kienet tinkludi wkoll programm ta' taħriġ limitat, b'sessjonijiet ta' konsulenza, gwida vokazzjonali u assistenza fil-kitba tal-curriculum vitae (CV).

#### *Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni*

22. Il-Greċja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

#### *Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u regionali*

23. Il-Greċja indikat li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u mal-Ministeru tax-Xogħol u tal-Affarijiet Soċjali. Fl-24 ta' Novembru 2021, l-awtorità ta' ġestjoni għall-FEG organizzat laqgħa mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u ma' għadd ta' eks impiegati biex tiddiskuti l-applikazzjoni proposta u l-kontenut tal-pakkett integrat ta' miżuri.

<sup>20</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tgs00107/default/table?lang=en>

<sup>21</sup> Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED 0-2) [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=International\\_Standard\\_Classification\\_of\\_Education\\_%28ISCED%29#ISCE](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=International_Standard_Classification_of_Education_%28ISCED%29#ISCE)

<sup>22</sup> <https://greekreporter.com/2017/10/19/one-of-greeces-oldest-plants-is-shutting-down/>

<sup>23</sup> <https://www.capital.gr/epixeirseis/3528092/bsh-kleinei-to-ergastasio-tis-pitsos-31-3-oi-diapragmateuseis-me-mpakatselo-kai-ergazomenous>

## **Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti**

### *Benefiċjarji fil-mira*

24. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 206. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	180	(87,4 %)
	Nisa:	26	(12,6 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	26	(12,6 %)
	Bejn it-30 u l-54 sena:	137	(66,5 %)
	Aktar minn 54 sena:	43	(20,9 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas <sup>24</sup>	167	(81,1 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell <sup>25</sup> jew postsekondarja <sup>26</sup>	6	(2,9 %)
	Edukazzjoni terzjarja <sup>27</sup>	33	(16,0 %)

### *Miżuri proposti*

25. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu fil-miżuri li ġejjin:

- **Konsulenza professjonalı.** Din il-miżura se tiġi offruta lill-parteċipanti kollha u tikkonsisti minn sessjonijiet u gwida individwali li jkopru l-istadji li ġejjin:
  - (1) Sessjonijiet ġenerali ta' informazzjoni u ta' merħba. Matul din il-fażi, il-parteċipanti se jirċievu gwida dwar il-proċess ta' appoġġ, informazzjoni dwar l-azzjonijiet proposti u t-taħrif dispoñibbli. Din tinkludi wkoll attivitajiet bħall-ġbir ta' *data* personali u professjonalni, il-valutazzjoni tal-

<sup>24</sup> ISCED 0-2

<sup>25</sup> ISCED 3

<sup>26</sup> ISCED 4

<sup>27</sup> ISCED 5-8

kompetenzi professjonali tal-persuna li qed tfitte impjieg u l-ħtiġijiet tagħha għas-servizzi.

- (2) **Proċess ta' żvilupp, rendikont personali u professjonali.** Din il-miżura għandha l-għan li tgħin lill-benefiċjarji jidendifikaw il-punti b'sahħħithom u n-nuqqasijiet tagħhom li jistgħu jxekklu t-tifex effettiv ta' impjieg u/jew l-ġhażliet professjonali tagħhom. Se ssir enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u l-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.
- (3) **Żvilupp u tħejjija tal-pjan ta' azzjoni individwali.** Dan jinvolvi t-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni professjonali individwali dettaljat. Il-parteċipanti interessati fl-istabbiliment ta' negozju se jirċievu appoġġ, inkluż taħriġ intraprenditorjali.
- **Taħriġ fil-ħiliet diġitali.** Il-parteċipanti kollha se jiġu mħarrġa fil-ħiliet diġitali skont il-livell ta' għarfien u l-ħtiġijiet tagħhom. Fejn possibbli, it-taħriġ se jwassal għal ċertifikazzjoni.
  - **Taħriġ / edukazzjoni vokazzjonali.** Din il-miżura għandha l-għan li tipprovd taħriġ/taħriġ mill-ġdid vokazzjonali speċjalizzat (eż. edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jwasslu għal ċertifikazzjoni, liċenzja biex tiġi prattikata professjoni, korsijiet ta' lingwa barranija, liċenzja professjonali tas-sewqan, eċċ.). Huma inklużi wkoll programmi ta' edukazzjoni għolja (eż. programmi postgradwatorji) b'durata ta' inqas minn sentejn.
  - **Edukazzjoni għolja.** Dawn se jiffokaw fuq il-kisba ta' kwalifikasi edukattivi minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja (lawrja ta' edukazzjoni għolja jew lawrja postgradwatorja fi speċjalizzazzjoni).
  - **Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju.** Il-benefiċjarji li jibdew in-negozju tagħhom se jirċievu sa EUR 22 000, bħala kontribuzzjoni biex ikopru l-ispejjeż tal-bidu. Dawn jistgħu jibbenefikaw ukoll minn tutoraġġ personalizzat matul il-proċess tal-bidu ta' negozju. Il-kontribuzzjoni se titħallas f'bosta pagamenti parpjali bbażati fuq l-ilħuq ta' stadji importanti predefiniti. Il-kundizzjoni għall-ewwel pagament parpjali hija li l-benefiċjarji għandhom ifasslu pjan ta' direzzjoni tan-negozju f'kooperazzjoni mal-Konsulent tal-Intraprenditorija u n-negozju jrid jiġi rregiżrat mal-awtorità tal-finanzi pubblika kompetenti.
  - Se jiġu offruti **aktar incenți**:
    - Benefiċċju tal-konsulenza okkupazzjonalı.** Il-benefiċjarji li jlesti s-sessjonijiet ta' konsulenza professjonali kollha se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 700.
    - Benefiċċju tat-taħriġ fil-ħiliet diġitali.** Is-somma f'daqqa ta' EUR 600 se tiġi offruta lill-parteċipanti li se jlesti t-taħriġ fil-ħiliet diġitali.
    - Benefiċċju tat-taħriġ / tal-edukazzjoni vokazzjonali.** Il-benefiċjarji li jlesti l-programm ta' taħriġ/edukazzjoni vokazzjonali se jirċievu beneficiċju ta' EUR 800.
    - Benefiċċju tal-edukazzjoni għolja.** Il-benefiċjarji li se jlesti l-edukazzjoni għolja (programmi ta' sentejn) se jirċievu beneficiċju ta' EUR 800.
26. It-taħriġ fil-ħiliet diġitali ġie inkluż bħala element orizzontali fit-tfassil tal-azzjonijiet proposti. Il-pakkett se jikkontribwixxi għat-tixrid tal-ħiliet orizzontali meħtieġa fl-eta industrijali diġitali kif ukoll f'ekonomija effiċċenti fir-riżorsi, f'konformità mal-Artikolu 7.2 tar-Regolament dwar il-FEG.

27. L-azzjonijiet proposti li huma deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli, stabiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
28. Il-Greċċa pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriżi kkonċernati permezz tal-liggi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Il-Greċċa kkonfermat li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma hijiex se tissostitwixxi azzjonijiet bħal dawn.

*Baġit stmat*

29. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 1 759 800 li jinkludu nefqa ta' EUR 1 689 800 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 70 000 għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.
30. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 495 830 (85 % tal-kostijiet totali).
31. Il-prefinanzjament jew il-kofinanzjament nazzjonali huwa pprovdu mill-Programm ta' Investiment Pubbliku tal-Ministeru Grieg tal-Ekonomija u l-Iżvilupp.

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant (EUR) <sup>28</sup>	Kostijiet totali stmati (EUR) <sup>29</sup>
<b>Servizzi personalizzati (il-miżuri skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG)</b>			
Konsulenza professjonal (Επαγγελματική συμβουλευτική)	206	1 000	206 000
Taħriġ fil-ħiliet diġitali (Κατάρτιση σε ψηφιακές δεξιότητες)	206	700	144 200
Taħriġ /edukazzjoni vokazzjonali (Επαγγελματική Κατάρτιση / Εκπαίδευση)	201	3 000	603 000
Edukazzjoni għolja (Ανώτερη εκπαίδευση)	5	8 000	40 000
Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju (Συνεισφορά για σύσταση επιχείρησης)	12	22 000	264 000
Subtotal (a): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati			1 257 200 (74,4 %)
<b>Benefiċċi u incenċivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG)</b>			

<sup>28</sup> Sabiex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull īaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqä' bħalma hemm fl-applikazzjoni ppreżentata mill-Greċċa.

<sup>29</sup> It-totali ma jaqlblu minħabba li ċ-ċifri ġew ittondjati.

Benefiċċju tal-konsulenza okkupazzjonali (Epídoma επαγγελματικής συμβουλευτικής)	206	700	144 200
Benefiċċju tat-taħriġ fil-ħiliet digiṭali (Epídoma katártiſes sepsi psiuriakéς deċċiōtnej)	206	600	123 600
Benefiċċju tat-taħriġ / tal-edukazzjoni vokazzjonali (Epídoma επαγγελματικής katártiſes/ekpaídewſu)	201	800	160 800
Benefiċċju tal-edukazzjoni għolja (Epídoma anwterejha ekpaídewſu)	5	800	4 000
Subtotal (b): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		—	432 600 (25,6 %)

#### Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar il-FEG

1. Attivitajiet preparatorji	—	0
2. Maniġment	—	45 000
3. Informazzjoni u pubbliċità	—	20 000
4. Kontroll u rapportar	—	5 000
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:		70 000 (3,98 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	—	1 759 800
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)	—	1 495 830

32. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Greċċa kkonfermat li dawn il-miżuri jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix tal-impieg jew ta' taħriġ.
33. Il-Greċċa kkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għall-persuni li jaħdmu għal rashom, il-ħolqien tan-negozji u l-akkwiżizzjonijiet maġġoritarji mill-impiegati ma humiex se jaqbżu t-EUR 22 000 għal kull beneficijarju.

#### Perjodu ta' eliggibbiltà tan-nefqa

34. Il-Greċċa se tibda tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira hekk kif il-mobilizzazzjoni tal-FEG tiġi adottata mill-awtorità baġitarja. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliggibbi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-data li fiha l-Greċċa tibda tiprovdi servizzi personalizzati sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament. Bl-eċċeżxjoni ta' studji formal ta' durata ta' aktar minn sentejn, li se jkunu eliggibbi sal-iskadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport finali.
35. Il-Greċċa bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva għall-implementazzjoni tal-FEG fl-1 ta' Marzu 2022. In-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għalhekk tkun

eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Marzu 2022 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

### Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

36. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Greċċa nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi ġestita u kkontrollata kif ġej:

- id-Direttorat Eżekuttiv<sup>30</sup> tal-NSRF tal-Ministeru tax-Xogħol, is-Sigurtà Soċjali u s-Solidarjetà jaġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni,
- l-EDEL (il-Kumitat tal-Auditjar Finanzjarju) fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, se jaġixxi bħala l-awtorità tal-awditjar, u
- id-dipartiment għaċ-Ċertifikazzjoni u l-Verifikasi ta' Programmi Kofinanzjati tal-Ministeru tal-Iżvilupp u l-Investimenti bħala l-awtorità ta' ċertifikazzjoni.

### L-impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

37. Il-Greċċa pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
- ir-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
- l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligli legali tagħhom u pprovdex għall-ħaddiem ta' tagħhom kif xieraq,
- kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

## IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

### Il-proposta baġitarja

38. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>31</sup>.
39. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament dwar il-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' beneficijari fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tiproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 495 830, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
40. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 9 tal-Ftehim

<sup>30</sup> Qafas ta' Referenza Strateġiku Nazzjonali (NSRF)

<sup>31</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

Interistituzzjonal tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>32</sup>.

### Atti relatati

41. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 495 830 għal-linjal baġitarja rilevanti.
42. Fl-istess ħin li adottat din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju<sup>33</sup>. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

---

<sup>32</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29.

<sup>33</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni  
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Greċċa – EGF/2021/008 EL/Attica  
electrical equipment manufacturing**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>34</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonal tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>35</sup>, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovd appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż 1-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>36</sup>.
- (3) Fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Greċċa ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji tal-ħaddiema fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitàek ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (“NACE”)<sup>37</sup> Reviżjoni 2 id-diviżjoni 27 (Manifattura ta' tagħmir elettriku) fil-

<sup>34</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>35</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29

<sup>36</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

<sup>37</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi spċċifici tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (“NUTS”)<sup>38</sup> livell 2 ir-reġjun ta' Attica (EL30) fil-Greċċa. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691.

- (4) Għaldaqstant, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 495 830 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Greċċa.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2022, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 495 830 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fil-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Din għandha tapplika minn [id-data tal-adozzjoni tagħha]\*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

<sup>38</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

\* **Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-publikazzjoni fil-ĠU.**